# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 197 :: OTTUBRU 2012



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU 2012


Dr Victor Sammut


Fr Dom Degiorgio

Waħda mill-attivitajiet tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria huwa l-Programm Mużiko-Letterarju li jorganizzaw kull sena. Matul is-snin dan kien ikun bħala parti mill-Festival Kulturali Malti li kien jiġi organizzat mill-Kunsill Malti tal-Victoria. Għalkemm dan il-festival m'għadux isir, il-Grupp għaraf li jkompli jorganizza dan l-avveniment. Qabel kien jissejjaħ "Lejla Mużiko-Letterarja", imma dan l-aħħar, minħabba li l-Komunita` Maltija qed tikber u ħafna drabi qed isibuha bi tqila biex isuqu fil-għaxija u fix-xitwa, għażlu li jagħmlu dan il-"Programm Mużiko-Letterarju" wara nofsinhar. Dan inżamm nhar il-Ħadd, 23 ta' Settembru fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Il-programm beda bil-kant tal-Innu Malti u dak Awstraljan akkumpanjat mill-Kor ta' St. Bernadette taħt id-direzzjoni ta' Dr Simone Cremona li kienet fuq l-orgni wkoll. Il-Viċi President tal-Grupp, Marie-Louise Anastasi, tat merħba lil dawk preżenti u ntroduċiet lill-President, Dr Victor Sammut biex jagħmel id-diskors tiegħu. Huwa qal li jieħu gost li jara numru akbar ta' membri jattendu l-laqgħat ta' kull xahar u ħajjar oħrajn biex jissieħbu mal-Grupp. Huwa semma li permezz tal-Folju li l-Grupp jippubblika kull xahar, permezz tal-PRO, Paul Vella, nirċievu ħafna kummenti sbieħ minn Malta minn ħafna midħla tal-lingwa Maltija, fosthom Sergio Grech, Patrick Sammut, Prof. Manwel Mifsud, Charles Coleiro, Prof. Oliver Friggieri, Joe Borg, Charles Briffa, Alfred Massa, Mario Micallef u ħafna u ħafna oħrajn. Dawn dejjem jikkumplimentawna fuq kif qed inżommu l-lingwa u l-kultura Maltija ħajja fostna avolja tant mili 'l bogħod mill-Gżejjer tagħna. Dr Sammut tkellem ukoll fuq it-tagħlim tal-lingwa Maltija f'Melbourne u ħajjar biex aktar studenti jieħdu sehem biex inżommu l-għarfien għall-eżami tal-VCE. L-ewwel poeżiji li nqraw kienu tal-poeta Joe Saliba, "Hekk f'dal Pajjiż" u "L-Inkwiżitur" li nqraw minn Ray Anastasi minħabba li Joe Saliba ma setax jattendi. Dr Victor Sammut qara l-proża tiegħu, "It-Tfal żgħar ugiegħ ir-ras" u wara Dr Lou Drofenik qrat żewġ poeżiji tagħha, "Jekk Thobbni" u "L-Ghajn". Hawn kellna l-ewwel intervent muzikali mill-Kor ta' St Bernadette. Marie-Louise Anastasi qrat zewg poeżiji tagħha, "Tbissima" u "Ħi". Paul Vella imbagħad qara l-poeżija tiegħu, "Fejn Kont?" u wara kien imiss intervent mużikali ieħor, din id-darba minn grupp ta' daqqaqa: Joe Gauci fuq il-kitarra, Joe Camilleri fuq il-perkussjoni u Alfred Xuereb fuq l-orgni. Dawn tawna varjeta` ta' kanzunetti sbieħ, Maltin, Taljani u Spanjoli. Membru minn Queensland, Nazzarene Zerafa, bagħat il-poeżija tiegħu, "Għaziża Ommi", li nqrat minn Rose Lofaro. Paul Vella qara l-poeżija ta' Laurie Armato, li ma setax jattendi, "Lil Malta: Tifħir mill-Bogħod". Maria Catania qrat xi ħaġa fuq il-ħajja ta' Guże` Muscat Azzopardi u parti mill-poeżija tiegħu, "Il-Baħar". Fr Dom Degiorgio huwa wieħed mill-membri ġodda tal-Grupp u dak in-nhar kien qed jiċċelebra għeluq sninu, 80 sena, u l-Grupp flimkien ma' dawk preżenti kantawlu "Happy Birthday". Fr Dom qara l-ewwel parti mill-Poeżija tiegħu "Ħlomt. Wara intervent mużikali ieħor mill-Kor, kien hemm interval ta' nofsiegħa fejn kulħadd ġie mistieden biex jieħu kikkra te jew kafe` u gallettini. It-tieni taqsima bdiet b'reċta qasira,


Marie-Louise Anastasi


Joe Saliba


Ray Anastasi


Rose Lofaro


Dr Lou Drofenik


Frank Bonett


Paul Vella


Michael Xuereb


Maria Catania


Georgina Scillio




Albert Agius


Nazzarene Zerafa


Laurie Armato


Ġuzi Camilleri

“On The Buses”, minn grupp ta’ studenti li jistudjaw il-Malti fiċ-Ċentru Malti ta’ Parkville. Din ġiet miktuba mill-għalliema Georgina Scillio. Għalliema oħra, Edwidge Borg, ħadet ħsieb l-armar għal din ir-reċta. Kellna intervent mużikali ieħor, din id-darba mill-grupp tad-daqqaqa.

Poeżija oħra ta’ Joe Saliba, “Kompromess”, inqrat minn Rose Lofaro u wara Dr Lou Drofenik qrat żewġ poeżiji oħra tagħha, “Qatt M’Għidtli” u “Dolga Gora”. Poeta membru ieħor, Frank Bonett qara l-poeżija, “Tfuliti f’Malta”, xogħol tiegħu stess. Frank kien ġie mħajjar ħafna snin ilu biex jibda jikteb mill-Fundatur tal-Grupp, il-mibki u qatt minsi Dr Joe Abela. Wara smajna żewg poeżiji oħra, “Solitudni” u “Jum l-ANZAC”, xogħol ta’ Michael Xuereb, li inqraw minnu stess. Wara intervent mużikali mill-Kor, Albert Agius qara l-poeżija tiegħu, “Lil Missieri” u wara, Fr Dom Degiorgio qara t-tieni parti tal-poeżija tiegħu, “Ħlomt”. L-aħħar xogħol li nqara kienet il-proża umoristika, “Il-Programm tal-RTK minn Malta”, kitba ta’ Ġużi Camilleri li qara huwa stess. Il-programm spiċċa b’aktar mużika mill-grupp tad-daqqaqa.

Wara sar riċeviment żgħir bla ħlas fejn kien hemm pastizzi, “pies” u “sausage rolls”, kejkijiet, te u kafe` u gallettini. Madwar 75 attendew għal dan il-programm li d-dħul tiegħu kien b’xejn. Ringrazzjament għal dawk il-membri tal-kumitat li ħadmu bis-sħieħ biex dan il-programm kien tas-suċċess li kien. Grazzi lill-Viċi President tal-MCCV, is-Sur Gejtu Deguara u s-Sinjura tiegħu, Mary, li kienu magħna u għenu fil-preparamenti biex narmaw is-sala u l-“audio”. Grazzi lil Joe Saliba li ħa ħsieb fil-qari tal-provi tal-ktejjeb/programm li kien fih ix-xogħol kollu li nqara f’dan il-programm, li ġie ppreparat minn Ray Anastasi, filwaqt li Paul Vella ħa ħsieb li jippreparah għall-istampar. Grazzi wkoll lil dawk li ħadmu fil-kċina biex jippreparaw l-ikel: Salvina Vella, Doris Sammut u Marie-Louise Anastasi.







# ITTRI LI NIRĊIEVU MILL-QARRREJJA

Għażiż Paul,
Grazzi ħafna tal-folju. Interessanti u tieħu gost tara kemm għad hawn Maltin, li għalkemm issetiljaw f'art oħra, baqgħu japprezzaw is-sabiħ ta' Ilsien art twelidhom. Nifirħilkom u komplu bix-xogħol fejjiedi tagħkom.
***Charles Casha***

Insellimlek Sur Vella,
Nixtieq ngħidlek prosit ħafna tal-folju li bgħattli tal-GLM, qiegħed imqassam tajjeb ħafna. Nieħu gost li nara li l-ilsien tagħna qiegħed ikompli jiġi mgħallem f'kontinent daqstant kbir. Nixtieq nista' inkun nitkellem ma' wħud minn ħutna l-Maltin li jinsabu hemmhekk, imma indirizzi m'għandix, ħalli aktar nipprattikaw l-ilsien tagħna flimkien. Prosit mill-ġdid. Tislijiet.
***Charles Cutajar***

Għażiż Paul,
Grazzi tal-ktejjeb Programm Mużiko-Letterarju tas-sena l-oħra u se ngħaddi l-kopji l-oħra lill-oħrajn ukoll. Interessanti ħafna.
***Patrick Sammut***

# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Kif tafu, il-laqgħat tagħna issa qed jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Nisperaw li issa t-temp jerġa’ jkun aħjar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 26 ta’ Ottubru, 2012** fiċ-Ċentru Malti ta’ Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f’din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqcu naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

# L-ANNIVERSARJU TA’ DE SOLDANIS

Din is-sena jaħbat it-300 anniversarju minn twelid De Soldanis (1712-1770). Kien l-ewwel wieħed li xandar kemm felaħ fuq l-ilsien Malti u kiteb fuq l-istorja, ir-reliġjon u l-kultura tal-Maltin. Saret wirja f’Għawdex fuq De Soldanis imtella’ mil-Ministeru għal Għawdex. L-istess wirja ittellgħet fil-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt, fl-okkażjoni tan-Notte Bianca u tibqa’ miftuħa sal-11 ta’ Novembru 2012. Fil-wirja qed jippreżentaw il-manuskritti ta’ De Soldanis, xi sejbiet arkeoloġiċi sbieħ li semma f’xogħlijietu, u pitturi ta’ Favray li kien semmiehom fil-grammatika u fid-dizzjunarju. http://www.youtube.com/watch?v=swpGQZ1JCjA
Fil-ġimgħat li ġejjin se jitnieda ktejjeb għall-istudenti tas-Sekondarja fuq De Soldanis. Dan il-ktejjeb bil-kulur se jingħata b’xejn lill-istudenti li jżuru l-wirja. Barra li miktub b’mod mexxej u mżewwaq b’pitturi tal-epoka, fih it-taħriġiet. Ideali għat-tħejjija tal-eżami taċ-ĊES. F’Novembru, il-President ta’ Malta se jorganizza lejla ta’ tifkira u matulha se jitnieda ktieb bi studji ġodda fuq De Soldanis.
Trid tisma’ 40 intervista ma’ storiċi u lingwisti fuq De Soldanis?
http://www.youtube.com/watch?v=BLEaB4hcGfA
Trid tisma’ l-għaxar djalogi sbieħ ta’ De Soldanis moqrija?
http://www.youtube.com/watch?v=9KvPyvX-Ong&feature=channel&list=UL Jew id-daħla tad-dizzjunarju? http://www.youtube.com/watch?v=Zn60PMg7dIQ&feature=results_video (Daħħal “De Soldanis” fil-kexxun tat-tiftix).
Ħajr lill-Ministeru għal Għawdex, Malta Libraries, Heritage Malta u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università, li qed jikkollaboraw fil-proġett.


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**